# IŻ-ŻEWĠ ARTISTI TAL-VARA TITULARI

Kitba ta' LINO BORG B.A.(Hons)

## *GEORGE BORG*

## (1906-1983)

George Borg twieled il-Belt Valletta fit-22 ta' April 1906 bin Giorgio u Rosa neè Bonello. Il-familja Bonello kellha talent artistiku u, fost il-kuġini, Borg kellu l-pittur Willie Apap u l-iskultur Vincent Apap u l-kritiku ta' l-arti Vincenzo Bonello. George kien il-kbir fost ħamest aħwa u, għalhekk, meta fl-età żgħira ta' 13-il sena tilef lil missieru, kellu jħalli l-bank ta' l-iskola biex jaħdem fi spiżerija quddiem il-Borsa, il-Belt. Il-proprjetarju, l-ispiżjar Sapienza, li nduna bit-talent ta' George, kompla jgħallmu t- Taljan u l-Ingliż filwaqt li nkoraġġih ikompli l-iskultura.

George kien beda l-ewwel studji tiegħu fid-disinn fl-1914 taħt l-għalliem ta' l-iskola primarja s-Sur Schembri. Imbagħad beda jattendi l-*iScuola del Disegno* li kienet għada kif fetħet fi Triq Zekka, il-Belt, fejn studja d-disinn taħt il-pittur Qormi Ġużè Duca (1871-1948) u fl-1916 għadda għall-klassi tal-modellatura fl-istess skola taħt il-Professur Antonio Micallef.

Meta fl-1925 infetħet il-*Malta Government School of Art* beda jattendi l-klassi tad-disinn taħt l-aħwa Robert (1882-1940) u Edward (1876-1950) Caruana Dingli, l-istorja ta' l-arti taħt Vincenzo Bonello u mill-1927 sa l-1930 il- modellatura taħt l-istess Antonio Micallef. Fl-1930 rebaħ it-tieni borża ta' studju offruta mill-iskola (l-ewwel waħda kien rebaħha kuġinuh Vincent Apap) li permess tagħha mar ikompli l-istudji tiegħu fir-*Regia Accademia di Belle Arti* ta' Ruma fejn, wara l-eżami, ġie ammess fit-tieni sena tal-kors minflok fl-ewwel sena. Fl-*accademia* studja taħt diversi professuri: il-modellatura taħt il-professuri Giulio Gambelotti, Guido Calori u Angelo Zanelli, l-iskultura fl-irħam taħt il-professur Giovanni Ardini, l-istorja ta' l-arti taħt il-professur



*Ġorġ Borg f'pittura ta' Anton Inglott*
(Bil-Kortesija tal-Mużew ta' l-Arti, Valletta)

D'Acchiardi u anatomija artistika taħt il-professur Antonio Anile. Fl-1933 ġab *La Licenza del Corso di Scultura* fi tlett snin minflok f'erba' u s-sena ta' wara (1933-34) attenda l-*Corso Speciale di Perfezionamento* taħt il-Professur Angelo Zanelli, l-iskultur li għamel il-friż ta' l-*Altare della Patria* f'Ruma.

Kontemporanjament mar-*Regia Accademia* George kien jattendi l-iskola serali tan-Nudo fil-*British Academy of Arts* immexxija mill-famuż skultur Malti Antonio Sciortino (1879-1947). Bejn l-1933 u l-1934 ġew fdati f'idejh il-klassijiet serali tan-nudo fil-*British Academy* u fl-1934 ġie appuntat Assistent Professur fl-iskultura mal-Prof. Sciortino. Fl-1934 ħa *special mention* barra mill-kompetizzjoni (Hors Concours) mill-ġurija ta' *Selwyn Brinton and Calderon Competitions*.

Lura f'Malta serva bħala għalliem ta' l-Arti mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bejn l-1936 u l-1939 u l-1945 sa l-1966. Bejn l-1940 u l-1948 kien appuntat *assistant master of modelling* u mill-1948 sa' l-1971 serva bħala *master of modelling* fil-*Government School of Art*. Meta wasal biex jirtira bl-età ġie mitlub jibqa' jgħallem għal 5 snin oħra.

George kellu l-istudju tiegħu f'nru 51, Triq San Kristofru, l-Belt. Dan l-istudju kien iservi bħala ċentru artistiku fejn pitturi bħal Emvin Cremona u Anton Inglott, skulturi, poeti, arkitetti, kittieba u studenti universitarji kienu jiltaqgħu u jiddiskutu kull aspett ta' l-Arti u diversi ħwejjeġ ta' interess filwaqt li George kien ikun qed jaħdem.

George kien membru attiv ta' ħafna Kumitati. Bejn l-1935 u l-1945 kien membru fil-*Managing Committee* tas-Soċjetà Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ. Kien membru wkoll tal-Kumitat tal-Karnival ta' Malta bejn is-snin 1936 u l-1955 u membru ta' l-*Antiquities Committee* bejn l-1951 u l-1955. George Borg kien wieħed mill-Ġurija tal-*Malta Command Arts and Crafts Exhibitions* miżmuma fi żmien l-aħħar gwerra.

Ix-xogħol ta' Borg kien numeruż sa l-1948 iżda, wara din is-sena, x-xogħol tat-tagħlim kien jeħodlu l-ħin tiegħu kollu u ftit li xejn kien jibqgħalu ħin għal xogħol kreattiv. Il-ġeneru tax-xogħol ta' Borg huwa varju: insibu kwantità ta' rjus u busti fosthom ta' min isemmi l-*Baby Aliot* (1937), il-*Prinċipessa Poutiatine* (1935) u l-*Dun Karm Psaila* (1959); xogħol ta' dekorazzjoni f'ġonna privati bħal *Leda u ċ-Ċinju* (1935), figuri bħal *Danse Classique* (1936?), *Diana, Maureen Clark* (1939). Insibu wkoll arti sagra bħal *Qalb ta' Ġesù* għall-'Blue Sisters', *Qalb ta' Ġesù* ieħor fil-Bronż għall-Qorti u kruċifiss mill-isbaħ.

George kien perfezzjonista u ta' temperament



*Fejn kien l-istudju ta' Ġorġ Borg fi Triq Kristofru, Valletta. Hawn ġiet skolpita l-vara ta' San Bastjan.*



*Bust maħdum minn Ġorġ Borg.*
(Bil-Kortesija tal-Mużew ta' l-Arti, Valletta)

klassiku, u x-xogħol tiegħu jirrifletti proċess analitiku profond li jelimina dak kollu li hu żejjed u aċċidentali u jħalli biss l-essenzjal. Penetrazzjoni psikoloġika u perfezzjoni f'dik li hi anatomija huma fost il-karatteristiċi tax-xogħol ta' George. L-iskultura tiegħu hi waħda kalma iżda fl-istess ħin soda u deċiża u kull biċċa xogħol hija serja u monumentali. Borg kien dinamiku u innovattiv. Ix-xogħol tiegħu juri d-dixxiplina Taljana tal-bidu ta' das-seklu.

Fost il-kapolavuri ta' Borg insibu l-vara ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi ikkummisjonata fl-1936 għall-parroċċa ġdida ddedikata lill-istess qaddis. F'dan ix-xogħol, l-artist żagħżugħ ried juri l-kapaċità tiegħu u għażel li jiskolpi l-istatwa minn biċċa njama sħiħa ta' l-arznu isfar li kienet fit-Tarzna. Ried ikun oriġinali f'dak li hu ħsieb u tbiegħed għal kollox mill-idea pseudo-barokka li tradizzjonalment il-poplu Malti hu mdorri biha fil-vari tal-festi. Nistgħu ngħidu li George irnexxielu jagħmel li kellu f'rasu u San Bastjan jagħmel unur mhux biss lill-iskultur u l-Ħal Qormi iżda lill-arti moderna Maltija. Hawn ta' min isemmi li l-iskultur skolpa l-istatwa bl-akbar reqqa u preċiżjoni bl-iskop li tibqa' injam għax, artistikament, il-materjal innifsu kellu wkoll xi ħaġa importanti xi jgħid. Sfortunatament, din ix-xewqa ma ġietx rispetta u, xi snin wara, l-istatwa ġiet miżbugħa u ndurata. Iżda għalkemm il-vara tilfet sewwa mill-*impromptu* ta' l-artist, l-istatwa għadha waħda artistikament valida, oriġinali u *milestone* fl-istorja ta' l-arti maltija.

George Borg miet fl-1983. L-armla tiegħu, Rosa nèe Flamini, esegwiet ix-xewqa ta' żewġha u tat lill-Mużew ta' l-Arti xi disinji, il-ġibs oriġinali u bosta bozzetti, fosthom il-bozzett ta' San Bastjan flimkien ma' dak tal-pedestall ta' l-istess statwa. Dan ix-xogħol kien ġie restawrat bl-akbar paċenzja u skruplu minn Frans Galea, wieħed mill-aqwa alljevi ta' George, u l-iskultur li, qabel miet, laħaq għamel il-pedestall tal-vara ta' San Bastjan.



*Ġorġ Borg fuq it-trakk maz-zokk li minnu skolpa l-vara ta' San Bastjan.*

# *FRANS GALEA*

## (1945 - 1994)

L-iskultur Frans Galea twieled ir-Rabat, Malta fit-22 ta' Mejju 1945, bin Pawlu u Maryann née Fenech. Minn ħames aħwa, Frans kien it-tieni tarbija u l-kbir fost is-subien, post li tah sens ta' responsabbiltà meta fl-1972 tilef lil missieru. Frans kellu jaqsam ma' l-omm ir-responsabbiltà tal-familja.

Frans attenda l-iskola primarja tal-Gvern tar-Rabat, fejn ġie ntrodott għall-Arti taħt id-dekoratur Carmelo Tonna (1901-1973), filwaqt li l-ħin liberu kien iqattgħu taħt għajnejn is-superjuri ta' l-għaqda lajka reliġjuża il-MUSEUM li tagħha baqa' membru sa ma kien ġuvnott.

Fl-iskola sekondarja teknika ta' San Ġużepp f'Kordin, Frans beda l-istudju fl-Arti taħt uħud mill-aqwa artisti kontemporanji: il-pittur George Fenech (t. 1926), l-iskultur John Bonnici (t. 1932) u l-iskultur Samuel Bugeja (t. 1920). Fl-1965 Frans daħal l-iskola ta' l-Arti fejn studja l-iskultura taħt l-iskulturi George Borg (1906 - 1983) u wara taħt Samuel Bugeja u Anton Agius. Fl-1976 rebaħ borża ta' studju mogħtija mill-Gvern Taljan u hekk mar ikompli l-istudju tiegħu artistiku fl-*Accademia di Belle Arti* f'Firenze fejn studja l-modellatura taħt Giovanni Chissotti u l-funderija tal-bronz taħt Francesco Cenci.

Fl-1981 Frans irritorna lejn Malta wara li temm l-istudji tiegħu bl-akbar suċċess, meta ġab *trenta e lode* fit-tlett suġġetti prinċipali, jiġifieri fil-mudellatura, fl-anatomija artistika u fl-istorja ta' l-arti. Fost l-esperjenzi sbieħ li Frans kellu f'Firenze kienet laqgħa qasira imma sinifikattiva ma' l-iskultur ċelebri Taljan Giacomo Manzu. Manzu, li kien Firenze għall-ftuħ ta' wirja tax-xogħol tiegħu, meta ra x-xogħol ta' Frans *Umbrella*, tant għoġbu li talab lill-professuri biex jintroduċuh ma' l-artist żagħżugħ. Ġo Firenze Frans iltaqa' ma' Nila Lopez, mill-Filippini, u żżewġu fl-1981.

F'Malta Frans kellu, b'diżappunt, jerġa' jieħu l-impieg ta' *medical technician* fil-microbioloġija fl-Isptar San Luqa. Fl-1988 id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ħareġ sejħa għall-għalliema ta' l-Arti u Frans għażluh biex jgħallem l-Istorja ta' l-Arti bħala parti mill-Oqsma ta' l-Għerf fil-kumpless tal-Liceo Superjuri l-Imsida fejn imbagħad beda jgħallem ukoll l-Arti fil-prattika.



*Frans Galea*

Frans miet fl-isptar S. Filippo Neri f'Ruma nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 1994 wara li kien ħassu ħażin fil-funderija *Domus Dei* fejn kien qed jagħmel l-aħħar xogħlijiet fuq il-pedestall ta' l-istatwa titulari ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi.

Il-kwantità tax-xogħol li Frans ħalla warajh mhux enormi iżda biżżejjed biex ipoġġih fost l-aqwa skulturi Maltin tas-seklu għoxrin. Wieħed mill-professuri l-aktar influwenti fuq Frans kien l-iskultur George Borg li kien ta' temperament klassiku b'xogħol kalm, studjat u mtella' b'reqqa, preċiżjoni u delikatezza kbira. George kien għalliem tajjeb u skrupluż u din id-dixxiplina kien jimponiha fuq l-istudenti. Qabel mar Firenze, Frans tant kien ippreparat tajjeb f'din id-dixxiplina li, meta tala', qabeż l-ewwel sena u kien dejjem fost l-aqwa studenti ta' l-Akkademja.

Qabel mar Firenze, Frans esebixxa x-xogħol tiegħu f'diversi wirjiet. Fix-xogħlijiet ta' dan il-perjodu l-figuri kienu solidi u skultoriċi kostruwiti minn pjani kbar u ċatti jħarsu lejn il-kubiżmu bħala ispirazzjoni. Dan kien stil innovattiv fejn Frans wera l-kapaċità tiegħu li janalizza l-figura umana b'mod personali u b'livell artistikament għoli.

F'Firenze Frans kompla japprofondixxi din il-linja u hekk insibu serje ta' *Ċiklisti.* F'dawn ix-xogħlijiet, Frans wasal għal sintesi fejn neħħa dak kollu li jista' jkun żejjed u ħalla biss l-essenzjal fil-forma skultorja fejn il-figuri, l-ispazju u l-vojt kollha jagħtu sehemhom għall-kompożizzjoni. L-istudju fl-anatomija u n-*nudo* ġabu magħhom bidla fix-xogħol ta' Frans. Il-figura, għalkemm baqgħet simplifikata, resqet aktar lejn ir-realiżmu.

Fl-1980, ippreżenta buzzett f'kompetizzjoni internazzjonali għall-bieb tal-bronż tal-Kattidral ta' Belluno, li fiha ħadu sehem 97 parteċipant mill-Italja kollha. Frans kien l-uniku barrani u, għalkemm il-kummissjoni nagħtat lill-arkitett Silvana Suppa u l-iskultur Angelo Canevari, Frans kien wieħed mill-erba' finalisti. Il-bieb, li jikkommemora l-Papa Ġwanni Pawlu I, huwa mqassam f'panewijiet li jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta' Papa Albino Luciani flimkien ma' episodji mill-Bibbja. Hu sinifikattiv li Frans daħħal il-buzzett taħt in-*nom de plume* MUSEUM. Fil-fatt f'ittra li bagħat lil ommu pprova jispjega l-ħsieb wara x-xogħol u żied li kieku ma kienx għall-bażi li kellu fil-MUSEUM ma kienx ikun kapaċi jikkonċepixxi dan ix-xogħol. Barra mill-ħsieb profond, il-panewijiet għandhom ċerta libertà, friskezza u spontanjetà fil-modellatura. Frans hawn juri maestrija f'dak li hu basso reljiev.



*"Ċiklista", skultura ta' Frans Galea fil-Mużew ta' l-Arti*
(Bil-kortesija tal-Mużew ta' l-Arti, Valletta.)

F'Malta Frans ġie kkummissjonat jaħdem *San Franġisk* għal quddiem il-knisja tal-Wied tal-Pwales f'San Pawl il-Baħar. Dan ġie segwit minn xogħlijiet oħra sagri li jinkludu l-*Madonna tal-Vokazzjonijiet*, fis-Seminarju tal-Virtù (1983), li kopja tal-bozzett fil-bronż ġiet ippreżentata lill-Papa fiż-żjara tiegħu f'Malta. Fl-1986, ħadem statwa ta' San Mikiel għal fuq iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ, il-Kalkara u fl-1988 il-*Madonna Omm il-Franġiskani* għall-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani, B'Kara. Is-sensitività reliġjuża ta' Frans toħroġ f'kull waħda minn dawn ix-xogħlijiet.

Frans miet f'Ruma fejn kien qed jaħdem fuq il-pedestall tal-vara titulari ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi. Dan il-proġett kien sfida qawwija għall-artist għax kien marbut max-xogħol ta' Ġorġ Borg, l-aktar professur rispettat minn Frans. L-idea oriġinali kienet li jżomm konformi mal-buzzett ta' Ġorġ li l-pastellina tiegħu kienet spiċċat, iżda Frans ried xi ħaġa aktar impenjattiva u personali filwaqt li jżomm l-ispirtu ta' Ġorġ u hekk ippreżenta buzzett totalment oriġinali u innovattiv. Minflok pedestall tradizzjonali, kwadru, issa sar tond b'erba' panewijiet b'relievi mill-ħajja tal-qaddis mad-dawra, miksura b'erba' ajkli. L-oriġinalità tal-pedestall tinsab ukoll fil-fatt li l-induratura eċċessiva li tradizzjonalment issir, ġiet limitata kemm setgħet u minflok tħalla wkoll il-kulur rikk ta' l-injam. Dan ix-xogħol għandu jkun l-isbaħ wirt li Frans seta' jħalli lil Ħal Qormi tal-fiduċja li n-nies ta' dil-belt urew fih.



*Frans Galea jaħdem fuq wieħed mill-panewijiet tal-pedestall*